# Eghluq is-Sena mill-Ingress ta' l-Arcisqof

*Ta'* AMANTE BUONTEMPO

Nghidhielek kif inhoss! xtaqtek mhux inti
Jew jien m'iniex li jien, biex insemmaghlek,
Bla biża' li nghallik, l-ghanja ferrieha
Li xeghlet f'qalbi bin-nirien ta' dwalek.

Xtaqtni ma kontx mill-eghżeż fost uliedek
Hal' ma tahsibx hażin fil-hajr ta' kliemi:
Jekk ghad immut fil-merhla ta' saltnatek,
Tkun tista' tghożż ahjar dal-hsieb dewwiemi.

Irrid irrodd lok hajr kif jixraq lilek
Bi kliem li forsi fl-ghana ma jmut qatt:
Irrid insemmghek ftit min-nar ta' fija
La f'dan il-jum qatt minsi mort qabbadt.

Sthajjiltek x' rebbieh tal-Belt Qadima,
Fi ksur il-hemda tahkem fuq is-swar,
U l-Belt mixghula fl-ahhar tat-taqtigha
Tistenniek diehel fost l-ilsniet tan-nar.

Sthajjiltek tieqaf tara min hu tahtek
U ttemm id-drawwa li wasslulna s-snin,
U mbagh'd fuq żiemel abjad tkompli diehel
Sultan ta' nies qalbiena w ferhanin.

Sthajjiltek ridt tghidilna li qlubitna
Tikseb fil-qawwa s-sahha ta' kull blat,
U l-qaghda tal-ghedewwa f'Art twelidna
Mhix bhalma jghidu l-gideb u x-xnighat.

Sthajjiltek fuq il-bieb ta' Dar-il-hena
Ghall-ewwel darba taghti xi amâr,
Mhux kmand ta' ġlied u qirda; kmand ta' mhabba
Li b'qima lejk irażżan kbar u żghar.

Sthajjiltek f'Dar il-ġmiel miġbura ghall-festa
Il-mistednin jifirhu mar-Rebbieh,
F'taghniqa wahda ġiehhom u kburithom
Mal-kobor tieghek moghni bl-oghla ġieh.

Sthajjilt ghajnejja kixfu mohbiet qalbi
U bżajt li nfisser dmughi nkun mitlub;
Ghalhekk dal-vrus hażżiżtlek kif hassejthom.
La naf kemm inti thobb sinċiera l-qlub.



# Recensjonijiet

**Ġużè' Galea—"INKWIET FID-DAR"**—Kummiedja fi tliet Atti.—Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp. Malta, 1945.

Qrajt il-Kummiedja "**Inkwiet fid-Dar**". Ghoġbitni ghaliex imżewqa ġmielha u minsuġa tajjeb: il-persunaġġi jaghmlu tajjeb il-parti taghhom u ghalkemm fl-iżvolġiment tal-kummiedja hemm element traġiku sewwa, il-gheluq jasal komiku hafna.

Jiena ma nahsibx li jien imhallef tajjeb f'din il-qatgha ta' kitba, imma jidhirli li l-kummiedja hi tajba tassew.

DUN KARM.

**Dun Frans Camilleri — "MOHBA TAL-QALB"** — Malta, Lux Press. 1945.

Dawn il-mitt poeżija li ġabar fi ktieb wiehed Dun Frans Camilleri huma t-tifsira tat-tqanqiliet u l-hsus li twieldu fil-qalb żaghżugha ta' saċerdot. Huma wkoll l-ewwel frott tal-heġġa tieghu li riedet bilfors tinfexx, jiġri x'jiġri; hu ma setax jaghmel iehor ghax ma' twelid il-ghana huwa ra

"Kemm kienu sbieh l-ewwel sighat ta' heġġa,
li fawru 'l demmi biex inhobb il-ghana!
Niftakar li hassejt bhal roghda f'qalbi
thaqbaq bil-ferh kif bdiet tinfexx setghana."

Dun Frans tana l-ghanja li kellu f'qalbu. Kienet ghanja ta' żaghżugh ghax, kif kiteb il-Prof. Aquilina fil-"Kelmtejn Qabel": "Dun Frans bhala poeta jinghadd mal-ġenerazzjoni tal ghannejja l-aktar żghażagh." Ghalhekk forsi naraw fiha l-hsieb li mhux dejjem ċar biżżejjed, li ma lahaqx sa fejn riedet il-qalb, jew insibu 'l hawn u 'l hemm xi vers jimxi tqil u jinhass iebes ghall-widna; imma nilmhu wkoll fil-poeżija ta' Dun Frans imhabba kbira lejn ir-Reliġjon u lejn in-Natura, biċċiet ta' deskrizzjoni milquta, u xbihat friski misjuqa mill-fantasija: ghax ara, fil-wirja tal-frott:—

"Fin-nofs, hemm il-hawh, ahmar ahmar,
bil qoxra ma tleqqx bellusija,
madwarhom, weqfin, il-banana
bhad-dghajjes herġin ghat-tiġrija."

Barra dawn, hemm ukoll aspett iehor fil-poeżija ta' Dun Frans, li juri kif dan laqtitu l-gwerra bil-ghawġ, bil-qerda u n-nuqqas li ġiebet maghha. Hwejjeġ li ahna lkoll niftakruhom sewwa ghax ġarrabniehom aħna jew qrajna fuqhom; mas-swaba' fittiexa tas-"searchlights" u mataħna jew qrajna fuqhom; mas-swaba' fittiexa tas-"searchlights" u mat-tinwih tas-sirena f'nofs ta' lejl fi żmien il-"blitzes" naraw iż-żifna tas-"submarines" li donnhom jiftahru bil-qerda li ghamlu lil huthom il-bnedmin u bhal iridu jghidu:

"......bl-ikel tal-bniedem
xabbajna minnfloku l-hut."